Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 52/2018

**Sabin Gharti**

(appellant)

**vs**

**Central Visa Unit**

(appellata)

1 ta' Frar, 2019.

1. L-appellant hu ta' nazzjonalita Nepaliża u daħal Malta permezz ta' visa li tkopri l-perjodu mill-**17 ta' Ottubru, 2017 sat-30 ta' Jannar, 2018** magħrufa bħala *long term student*.

2. L-appellant applika għand Central Visa Unit (CVU) għall-estensjoni tal-visa. Applikazzjoni li kienet miċħuda minħabba li:

   ***"you have not provided proof of sufficient means of susbsistence, for the duration of the intended stay or for the return to the country of origin or residence, or for the transit to a third country, or is not in a position to acquire such means lawfully"***.

3. L-appellant appella minn dik id-deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. F'ittra datata **4 ta' Marzu, 2018** l-appellant ta r-raġuni għalfejn appella. Isostni li għall-każ tiegħu tapplika l-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.09 peress li bħala *third country national* kien qiegħed isegwi kors f'Malta organizzat minn *Domain Academy* u għalhekk kellu jigi rikonoxxut li hu student. Regolamenti li qal li japplikaw peress li l-istudju kien għall-perjodu ta' iktar minn tlett (3) xhur.

4. Fil-**2 ta' Mejju, 2018** il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni ċaħad l-appell għar-raġuni li għall-każ tal-appellant ma tapplikax il-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.09. Il-Bord ikkonkluda, *"For these reasons, **particularly in view of the fact that the appeal is based on entirely the wrong legislation**, the Board rejects the appeal"*.

5. Fis-**17 ta' Mejju 2018** appella mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. Spjega li l-appell kien qed jagħmlu skont l-Artikolu 25A(8) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217). Huwa talab lil din il-qorti tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tilqa' l-applikazzjoni tiegħu jew tirrimetti l-atti lura lill-Bord u tidderieġi lill-istess Bord sabiex jiddeċiedi l-appell *ai termini* tal-Liġi (Sussidjarja) 217.09. **L-aggravji** huma tnejn:

- L-ewwel aggravju:

  Il-Bord proċeduralment ma osservax il-liġi meta naqas milli "*jisma*" lill-partijiet u dan *inter alia* bi ksur lampanti tal-Artikolu 25A(1)(ċ) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwentement bi ksur tad-dritt tiegħu ta' smiegħ xieraq, u għalhekk hemm in-nullita` tad-deċiżjoni tal-Bord.

- It-tieni aggravju:

  Mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Bord applika regolamenti mhux kontemplati fil-liġi speċifika. L-applikazzjoni tiegħu kellha tiġi ġġudikata *ai termini* tal-liġi speċifika L.S. 217.09 (Kundizzjonijiet għad-Dħul ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Finijiet ta' Studju) u mhux *ai termini* tal-Visa Code. Il-bniedem kompetenti li jevalwa tali applikazzjoni huwa d-Direttur għaċ-Ċittadinanza u Affarijiet ta' Espatriazzjoni, u mhux id-Direttur tas-CVU.

6. Fil-25 ta' Mejju 2018 is-CVU wieġbet għall-appell u sostniet li d-deċiżjoni tal-Bord hija ġusta u timmerita konferma. **Ir-risposta** tagħha tkopri s-segwenti punti:

- In linea preliminari:

  Issostni li l-appell sar *fuori termine*, għaliex id-deċiżjoni ingħatat u ġiet ikkomunikata lill-appellant fit-2 ta' Mejju 2018 mentri l-appell kien preżentat fis-17 ta' Mejju 2018, (u cioe` oltre l-għaxart ijiem (10) stipulati

fl-Artikolu 25A(8) tal-Kap 217.

- Ukoll in linea preliminari:

  Issostni li d-deċiżjoni tal-Bord mhix appellabbli. L-Artikolu 25A(8) tal-Kap 217 jipprovdi li d-deċiżjoni tal-Bord hija finali u li minnha m'hemmx appell ħlief fuq punt ta dritt relattiv għall-persuni li jissemmew fit-Taqsima III. L-appellata ssostni li l-ebda liġi kkwotata mill-appellant ma tapplika għas-sitwazzjoni tiegħu u għalhekk ma sar l-ebda apprezzament żbaljat tal-liġi fil-konfront tiegħu.

- Dwar l-ewwel aggravju tal-appellant:

  Targumenta li m'hemmx il-ħtieġa li biex jiġi salvagwardjat id-dritt ta' smigħ xieraq tiġi ffissata seduta u jiġu sottomessi sottomissjonijiet orali, iżda huwa biżżejjed li ż-żewġ partijiet jingħataw l-istess opportunita` biex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom. B'riferenza għall-każ odjern taċċenna għall-fatt li ż-żewġ partijiet ippreżentaw il-każ tagħhom quddiem il-Bord permezz ta' dokumentazzjoni u l-ebda waħda miż-żewġ partijiet ma dehret quddiem il-Bord.

- Dwar it-tieni aggravju tal-appellant:

  Taċċenna għall-fatt li l-applikant applika għal estenzjoni ta' "*National Long Stay "D" Visa*" sabiex ikompli jsegwi kors fi ħdan id-Domain Academy li jwassal għall-grad ta' Kors MQRIC[1] tal-Livell 4. Tispjega li applikazzjonijiet ta' din in-natura li jirrigwardaw korsijiet MQRIC tal-livell 1 sa 4 jiġu evalwati mis-CVU *ai termini* tar-Regolament EC Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tan-National Visa Policy. B'riferenza għall-ilment tal-appellant li l-liġi applikabbli hija il-L.S. 217.09, tirrileva li dan mhux korrett għaliex il-L.S.217.09 hija applikabbli għal "*long term higher education courses*" li huma rikonoxxuti mill-MQRIC Livell 5 jew iktar, u għalhekk estensjoni għall-visa study fil-fatt tiġi pproċessata mis-CVU.

**Konsiderazzjoni.**

*(i) Eċċezzjoni li l-appell hu tardiv:*

7. Is-Central Visa Unit eċċepiet fl-ewwel lok illi l-appell sar *fuori termine*. Artikolu 25A(8) tal-Kap 217 jipprovdi hekk (enfażi ta' din il-qorti):

[1] Malta Qualifications Recognition Information Centre.

*"Id-deċiżjonijiet tal-Bord[2] għandhom ikunu finali ħlief għar-rigward ta' punti ta' dritt deċiżi mill-Bord rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III, li minnhom jista' jkun hemm* ***appell fi żmien għaxart ijiem*** *quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri). Il-Bord tar-Regoli mwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili jista' jagħmel regoli li jkunu jirregolaw appell bħal dak.*

8. Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2018, fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni, id-difensur tal-appellata għarraf lill-qorti li l-prova tan-notifika ma tistax issir ġialadarba l-appellant ma kienx fl-awla biex jikkonferma jekk id-deċiżjoni kienx irċeviha fid-data li tissemma fir-risposta (2 ta' Mejju 2018). Żied, "*Madanakollu l-Av Degabriele iddikjara li l-appellata mhix tinsisti dwar din l-eċċezzjoni*".

9. Għaldaqstant l-qorti tqis li l-eċċezzjoni hi eżawrita. F'kull każ, kienet l-appellata li kellha l-obbligu li tressaq prova li l-appell sar *fuori termine*. Prova li ma saritx minkejja li l-prova setgħet issir mod ieħor u mhux bilfors bil-presenza tal-appellant.

*(ii)* *Jekk l-appell jirrigwardax punt ta' dritt skont l-Artikolu 25(A)(8) Kap 217*

10. L-Artikolu 25(A)(8) jipprovdi li appelli minn deċiżjonijiet tal-Bord li jolqtu lil dawk il-persuni li jissemmew f' Taqsima III, jistgħu isiru fuq ***"punt ta' dritt"***. Filwaqt li mhux ikkontestat li l-appellant huwa persuna li tissemma f' Taqsima III, l-appellata ssostni li l-appell ma jirrigwardax punt ta' dritt.

11. Il-qorti ma taqbilx:-

*(i)* fl-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li l-Bord kiser l-Artikolu 25(A)(1)(ċ) tal-Kap 217 minħabba l-fatt li huwa ddeċieda l-każ tiegħu mingħajr ma tah smiegħ;

*(ii)* fit-tieni aggravju imbagħad isostni li l-applikazzjoni tiegħu kellha tiġi aġġudikata mid-Direttur għaċ-Ċittadinanza u Affarijiet ta' Espatrijazzjoni u mhux mis-CVA, u dan, *ai termini* ta' dak provdut mil-L.S.217.09, u allura jsostni li l-Bord applika regolament mhux kontemplat fil-liġi speċifika.

[2] Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni.

12. Għaldaqstant l-appell hu dwar punti ta' dritt.

*(iii)* *<u>L-ewwel aggravju: in-nuqqas ta' "smigħ" da parti tal-Bord</u>*

13. L-appellant jilmenta bil-fatt li l-Bord ma semax lill-partijiet "*bi ksur lampanti tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement bi ksur tad-dritt* (tiegħu) *ta' smigħ xieraq*".

14. L-Artikolu 25A(1)(ċ) jistipula illi:

> "*Il-Bord ikollu ġurisdizzjoni li **jisma' u jiddeċiedi appelli** jew applikazzjonijiet bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu jew bis-saħħa ta' kull liġi oħra.*"

15. Din id-disposizzjoni ma tidhirx li qegħda teżiġi li f'kull każ il-Bord għandu jżomm seduta għall-ġbir ta' provi. Wara li l-appellant irreġistra l-appell mid-deċiżjoni tas-CVU quddiem il-Bord, b'ittra tad-**19 ta' Frar 2018** il-Bord ordna lill-appellant:

> "*This is to confirm that the Immigration Appeals Board has received and registered the appeal above quoted.*
>
> *Please be informed that you have fifteen (15) days from the filing of this appeal to provide any relevant and/or supporting documentation. All evidence must be provided in document form.*"

Ovvjament ikun hemm ħtieġa ta' seduta fejn per eżempju jkun hemm kwistjoni dwar kredibilita' jew fejn ċertu tagħrif ma jkunx jista' jingħata permezz ta' dokumenti.

16. L-Att dwar Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490) stess jipprovdi li tribunal amministrattiv, li jinkludi l-Bord (ara l-Ewwel Skeda), ghandu jaghti lil kull parti l-opportunita' li tipprezenta l-każ tagħha, *"bil-kitba **<u>jew</u>** bil-fomm jew bit-tnejn"*. Disposizzjoni li tagħti diskrezzjoni lill-Bord.

17. Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tal-Bord, iż-żewġ partijiet ingħataw l-istess opportunita` li jippreżentaw id-dokumenti relattivi tagħhom li deherilhom rilevanti sabiex jissostanzjaw il-posizzjoni tagħhom.

18. L-appellant jilmenta illi kieku ingħata l-opportunita` li jidher quddiem il-Bord u li jieħu sehem attiv fil-proċedura, kien ikun jista' jagħti l-verżjoni tiegħu u/jew jispjega ruħu b'mod aktar ċar. Madankollu l-appellant jidher li qiegħed jinsa li l-aggravju quddiem il-Bord kien li Leġislazzjoni Sussidjarja 217.09 għandha tapplika għal *"... third-country national who submits an application to be admitted to reside in Malta for the purpose of studies for a period exceeding three months"*. L-appellant argumenta li bħala *third country national* li kien qiegħed isegwi kors ta' *Domain Academy* f'Malta li jwassal għall-*'higher education qualification recognised by the Maltese Qualification Recognition Information Centre, including diplomas, certificates or doctoral degrees in an establishment which may cover a preparatory course prior to such education according to law and hence as per S.L. 217.09 is to be recognised as a student'*. Għalhekk l-ilment kien dwar punt ta' dritt. L-appellant isostni li r-rekwiżiti li jissemmew f'dik il-Leġislazzjoni Sussidjarja kellhom japplikaw għall-każ tiegħu (ara artikolu 6), u liema rekwiżiti jsostni li kien jissodisfa. Għalhekk sabiex l-appellant jirnexxi fl-ilment tiegħu kellu fl-ewwel lok jkun hemm deċiżjoni li l-appellata għamlet żball ta' liġi għaliex m'applikatx il-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.09. Materja li dwarha ma kienx hemm ħtieġa li jinstemgħu xhieda in vista tal-provi dokumentarji li kellu quddiemu l-Bord, u li ddeċieda li ma tapplikax għall-każ in eżami. Għaldaqstant, dan l-aggravju hu miċħud.

*(iv)* ***<u>It-tieni aggravju: il-liġi applikabbli għall-applikazzjoni kellha tkun Leġislazzjoni Sussidjarja 217.09.</u>***

19. Fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-applikazzjoni kellha tkun ikkunsidrata skont Leġislazzjoni Sussidjarja 217.09 (*Kundizzjonijiet għad-Dħul ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi Għall-Finjiet ta' Studju*), u mhux skont il-Visa Code;

*"Illi effettivament d-drittijiet tal-appellant gew leżi meta l-applikazzjoni tiegħu flok ġiet iġġudikata ai termini tal-Liġi Sussidjarja Numru 217.09 – Kondizzjonijiet għad-Dħul ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi Għall-Finijiet ta' Studju – erronjament u a kontra sens tal-istess regolament iġġudikaw din l-applikazzjoni ai termini tal-Visa Code meta l-applikazzjoni de quo hija jew kellha tkun regolata mir-regolament li hemm imniżżel fil-liġi speċjali u ċioe' 217.09;*

*Illi l-liġi speċjali li l-bniedem kompetenti li jevalwa tali applikazzjoni huwa d-Direttur għaċ-Ċittadinanza u Affarijiet ta' Espatrijazzjoni u mhux id-Direttur tac-Central Visa Unit;*

*Illi allura d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell hija msejsa fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi għaliex li kellu jara primarjament huwa jekk f'dan il-każ kienx hemm l-applikazzjoni korretta tal-liġi u ċioe' r-regolament taht LS 217.09".*

20. Fil-fatt it-talba li għamel fir-rikors tal-appell hi sabiex din il-qorti tħassar id-deċiżjoni tal-Bord u minflok *"tilqa' l-applikazzjoni tal-appellant jew tirrimetti l-atti lura lill-Immigration Appeals Board u tidderiġi lill-istess Board sabiex jiddeċiedi l-appell ai termini tal-Liġi 217.09".*

21. Leġislazzjoni Sussidjarja 217.09 (*Regolamenti tal-2008 dwar il-Kondizzjonijiet għad-Dħul ta' Ċittadini ta' Pajjiżi terzi għall-finijiet ta' Studju*) kienet tirregola l-ħruġ ta' *residence permit*, b'mod partikolari jfisser awtorizazzjoni **ta' kull tip** li jagħti dritt ta' residenza f'Malta lil *third country national* li jiġi Malta għall-għanijiet partikolari li jissemmew fl-istess liġi. Leġislazzjoni Sussidjarja li biha ġiet *transposed* fil-liġi Maltija d-Direttiva 2004/114 tat-13 ta' Diċembru, 2004 li tipprovdi għall-kondizzjonijiet biex *third country nationals* jidħlu f'pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea għal skop ta' studju, u raġunijiet oħra (Direttiva li llum ġiet aġġornata permezz tad-direttiva 2016/801 u li b'seħħ mill-24 ta' Mejju, 2018 rrevokat id-Direttiva 2004/114).

22. L-appellant isostni li huwa kien jikkwalifika bħala 'student' taħt l-imsemmija Leġislazzjoni Sussidjarja.

23. Skont dikjarazzjoni maħruġa minn *Domain Academy*, l-appellant kien reġistrat għall-kors ta' International Diploma in Business Studies, **livell 4**. Kors li skont l-istess dikjarazzjoni kellu jibda fis-27 ta' Novembru, 2017 u jintemm fit-30 ta' Novembru, 2018, u l-iktar sal-aħħar ta' Diċembru 2018 f'każ li l-istudent ikollu xi reparatorju. Fir-rikors tal-appell l-appellant iddikjara li, *"b.... biex iwettaq*

*dan il-kors kien jeħtieġlu li jirrisjedi/jibqa' Malta sal-aħħar ta' Diċembru Novembru 2018".* Għalhekk hemm dubju kemm l-appellant għad għandu interess ġuridiku li jkompli bl-appell. Interess ġuridiku li jrid jeżisti f'kull stadju tal-proċeduri.

24. Madankollu taħt Leġislazzjoni Sussidjarja 217.09 (ġiet imħassra bl-Avviż Legali 212 tal-2018), 'student' tfisser *third country national* li jkun aċċettat f'istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla u jkun ġie aċċettat biex isegwi *full-time course* li jwassal ghall-kwalifika ta' **edukazzjoni ogħla** (*'a full time course leading to a higher education qualification'*) rikonoxxuta mill-Malta Qualification Recognition Information Centre. *'Edukazzjoni ogħla'* hi definita fl-Att dwar l-Edukazzjoni fl-artikolu 63, u tfisser tagħlim li ma jkunx parti mill-edukazzjoni obbligatorja, li tista' sservi biex tinkiseb kwalifika nazzjonali klassifikata **fil-livell 5 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki jew ogħla**. M'hemmx prova li l-kors li għamel kien 'kors preparatorju' li jsir qabel l-edukazzjoni ogħla (ara definizzjoni ta' student fl-imsemmija leġislazzjoni sussidjarja).

25. Peress li l-kors li qiegħed isegwi l-appellant hu livell 4 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki, ma jikkwalifikax bħala kors ta' studju li jwassal għall-kwalifika ta' edukazzjoni ogħla. Għalhekk jidher li l-appellata għandha raġun li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.09 ma tapplikax għall-każ tal-appellant peress li l-appellant ma jikkwalifikax bħala 'student' taħt dawk ir-regolamenti. Daqstant, ieħor ma jistax jingħad li d-deċiżjoni tal-appellata hi *ultra vires*, ġialadarba għal dan il-każ ma kinitx tapplika l-imsemmija leġislazzjoni sussidjarja. Billi l-meritu tal-appell hu bażat fuq dik il-liġi sussidjarja li l-qorti kkonkludiet li m'hijiex applikabbli għall-każ in eżami, dak li ngħad f'paragrafu (i) ta' paġna 5 tal-appell ma japplikax għall-każ tal-appellant. Għaldaqstant, dan l-aggravju hu miċħud ukoll.

**Għal dawn il-motivi din il-qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.